# il-Ħuttafa

Numru **188** Mejju – Ġunju 2025



Nannakola tas-Seba' Tikek

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Nicholas Galea

Kif jaf kulħadd, il-kokk jippreferi jorqod binhar u joħroġ jikkaċċja bil-lejl. Imma l-**kokka tax-xagħri** spiss ittir binhar ukoll.



# Ħejj Ħuttaf...

mill-editur

Ilbieraħ kont qed insuq fi triq traffikuża ħdejn il-Mosta u spiċċajt f'serbut twil karozzi jistennew id-dawl jaqleb. Jien u nistenna qgħadt inħares lejn siġra ta' Ġuda fis-*centre strip* li kellha fergħa maħruġa 'l barra kważi stajt immissha. U fost il-weraq sabiħ tond rajt werqa li kellha maqtugħin fiha dwawar tondi puliti. Qisu xi ħadd b'imqass fin qagħad iqasqas ċrieki minn tarf il-werqa.

U tbissimt għax indunajt x'kienu. Dak kien xogħol ta' naħla bieżla, imma mhux naħla li tagħmel l-għasel. Din kienet tip ta' naħla solitarja, jiġifieri tgħix weħidha. Dawk iċ-ċrieki tkun isserrathom hi b'ħalqha biex iġġorrhom u tibni tubu pulit ta' weraq f'toqba kennija. Dan it-tubu mbagħad timlieh b'taħlita bnina ta' polin u nektar, tbid fih, tissiġilla kollox u titlaq. Dik il-bajda mbagħad tfaqqas, joħroġ dudu u jibda jiekol mill-*packed lunch* li tkun ħallietlu ommu. Id-dudu jikber u jsir fosdqa *(pupa)*, u minnha wara xi ġranet toħroġ in-naħla lesta, kopja eżatta ta' ommha. Imbagħad tgerrem toqba fit-tubu u toħroġ ittir.

Din l-istorja kollha għaddiet minn moħħi jien u nistenna fil-kju nħares lejn dik il-werqa. Imma f'salt...

**Miiiq-miiiiiiiiiiiq!**

Kien ta' warajja qed ipaqpaqli. U kellu raġun għax quddiemi l-karozzi kienu mxew sew. Insomma soqt u komplejt triqti.

Ħeħe, fin-natura hekk jiġrili jien, donni nintilef. Ma nafx, jiġrilkom bħali?

Nawguralkom sajf sabiħ u ħafna ċafċif fil-baħar!

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur




**FUQ QUDDIEM**



Ritratt ta' Victor Falzon

## Nannakola tas-Seba' Tikek

Seven-spot Ladybird *Coccinella septem-punctata*

In-nannakola hija fost l-iktar insetti maħbubin min-nies: żgħira, tonda, ħamra (bil-polka dot!) u tleqq. Li ħafna ma jafux hu li l-nannakola hija predatur feroċi! Tiekol kwantità kbira ta' afidi *(aphids, greenfly, blackfly)*, insetti daqs nitfa li jinfestaw ħafna pjanti. Għalhekk hija meqjusa ħabiba tal-bidwi u tal-ġardinar!

Hemm iktar fuq l-**afidi** f'paġna 4.

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Festa zokkor! | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| X'għandna mid-dinja? | 5 |
| Fejn jispiċċa l-iskart | 6 |
| Mal-ħajt ta' fabrika... | 7 |
| Sula | 8–9 |
| Exploring Natura 2000 sites | 10 |
| Liema hu? | 11 |
| Art Gallery | 11 |
| Bird Ringing | 12 |
| Intervista ma' pjanta speċjali | 13 |
| Għaliex jgħidulu..Silfjun? | 13 |
| Ghosts lurking in the sea | 14 |
| il-Qarnita | 15 |
| Pniezel, paletti, važetti u gazzetti! | 16 |


## Kitbu...

**Desirée Falzon, Victor Falzon, Érica Moura, Raphael Scerri**

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Kuntatti...

tel **21347645**
emergency injured bird **79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
editor email **victor.falzon@birdlifemalta.org**
general email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, Ġunju 2025
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Printed at Poultons on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052

# Ċans tajjeb li ssir park



Nicholas Barbara

Ħafna minna konna raddejnielha s-salib u għednielha **"Ċaw ċaw Manoel Island, tlifniek għal dejjem!"**

Meta żviluppaturi jixtru biċċa art u jonfqu miljuni ta' ewro fiha, kif ġara fuq il-Gżira Manoel f'dawn l-aħħar 25 sena, rari jmorru lura fuq il-pjan li jkollhom. Imma b'xorti tajba l-iżviluppaturi ta' Manoel Island ma mxewx mal-pjan li kienu ftiehmu, u għalhekk il-ftehim ma baqax jiswa.

Kif smajna b'dan, grupp ta' għaqdiet ambjentali, fosthom il-BirdLife, tlabna lill-Gvern jixtri lura Manoel Island u flok jibnieha jibdilha f'park ta' siġar, fjuri u storja! Biex żgur jismagħna għamilna protesti u anke ġbarna **29,000 firma**. Kulħadd ried li Manoel Island tingħata lura lill-publiku, tiswa kemm tiswa.

U fl-aħħar l-awtoritajiet donnhom fetħu widnejhom u qed jisimgħu x'iridu n-nies. Issa hemm ċans tajjeb li l-pjan biex jinbnew skoss blokok koroh tal-konkos... ma jinbnew xejn! Nisperaw li sa ma toħroġ *Il-Ħuttafa* li jmiss, Manoel Island tkur fi triqtha biex issir ġenna tal-art żgħira fejn ifewwaħ il-klin u jgħanni l-merill.

Ħeħe fil-fatt il-merill diġà jgħanni fuq il-Gżira Manoel, għax ibejjet hemmhekk.

# Bdejna!

## Għandna tlieta...

**Fir-ramliet tal-Ġnejna, tal-Mellieħa u tar-Ramla l-Ħamra f'Għawdex hemm midfunin tliet teżori prezzjużi. Hekk hu l-aħwa! Xejn inqas minn tliet bejtiet tal-fekruna tal-baħar (loggerhead turtle *Caretta caretta*).**

**Is-sena l-oħra kienet sena rekord, jekk tiftakru. Kienu faqqsu 406 fkejruna u lkoll ġrew lejn il-baħar. Tgħid x'ħa jiġri dis-sena?**

F'*Il-Ħuttafa* 184

**Aħna sintendi nisperaw li sa ma jaslilkom dal-magażin in-numru ta' bejtiet ikun tela' għal erbgħa, ħamsa, sitta . . .**



# Wara sentejn nieqes...




Aron Tanti

**Il-fras-servjent (black-winged stilt) huwa għasfur li darba tarah ma tinsiehx! Dawk is-saqajn ħomor u twal esaġerati ebda għasfur ieħor m'għandu bħalhom. Il-fras-servjent narawh kull sena fi żmien il-passa. Imma fl-2011 beda anke jbejjet fir-riserva naturali tal-Għadira, u minn dik is-sena 'l hawn bejtu kważi kull sena. Imma minn xi sentejn 'l hawn ma bejtux iktar. Dir-rebbiegħa, però, tawna ferħa għax par reġa' bejjet, u bħalissa l-Għadira hemm jiġru l-frieħ ħelwin tal-fras-servjent. Sa ma taslilkom *Il-Ħuttafa* jkunu tgħallmu jtiru, u jlestu biex jivvjaġġaw lejn l-Afrika!**

Aktarx li l-fras-servjent kien waqaf ibejjet għax beża' mill-istorbju fit-triq ta' quddiem ir-riserva. Din it-triq kienet qed tinbena mill-ġdid u għal sentejn shaħ kien hemm storbju u dħaħen minn magni u inġenji, u dwal qawwijin bil-lejl. L-annimali sensittivi ħafna għad-dwal u l-istorbju tal-bniedem.

Kull trid oħra!
Teamwork fin-natura
Desirée Falzon

# FestaZokkor



Nemel qed jindokra "merħla" afidi

## Ħafna qabilna

Iktar minn 10,000 sena ilu n-nies ivvintaw il-biedja. Tgħallmu jkabbru l-pjanti u jrabbu l-annimali, u jgawdu l-prodott viċin darhom. Ma kellhomx għalfejn iktar jimxu kilometri sħaħ biex isibu frott sevaġġ jew biex jikkaċċjaw annimali għall-ikel.

Il-biedja kienet tassew invenzjoni kbira fl-istorja tal-bniedem. Imma fil-fatt il-biedja mhux il-bniedem ivvintaha l-ewwel. Hemm min wasal ħafna qabilna!

In-nemel ilu iktar minn tliet miljun sena li vvinta l-biedja. U għadu juża l-biedja sa llum! Kif?



Desirée Falzon

Grupp ta' afidi b'xi qtar ta' honeydew madwarhom

## L-afidi

L-**afidi** *(aphids)* huma insetti żgħar ħafna ta' ftit millimetri. L-afidi għandhom ħalqhom qisu *straw* u jużawh biex itaqqbu z-zkuk irqaq jew il-weraq biex minnu jixorbu s-sugu tal-pjanta.

Is-sugu tal-pjanti fih ħafna zokkor, imma nieqes minn xi nutrijenti oħrajn. Allura biex ikollhom biżżejjed nutrijenti l-afidi jridu jixorbu ħafna sugu. Imma b'hekk jispiċċaw b'ħafna zokkor żejjed li m'għandhomx bżonnu. Dan il-meraq ħelu jeħilsu minnu qatra qatra minn ġisimhom. Bl-Ingliż jgħidulu *honeydew*.

## Bdiewa u rgħajja

Imma jekk l-afidi l-honeydew jarmuh, hemm xi annimali li għalihom il-honeydew huwa *energy drink*: in-nemel!

Imma fejn tidħol il-biedja?

Miljuni ta' snin ilu, xi nemel tgħallmu jrabbu l-afidi ħalli dejjem ikollhom sors ta' xorb bnin: proprju dak il-honeydew! In-nemel joqgħod għassa ma' grupp afidi fuq zokk, u jipproteġih mill-predaturi. Minħabba li l-biċċa l-kbira tal-afidi ma jtirux, faċli ħafna għall-predaturi li jaqbduhom. Waħda minn dawn hija n-nannakola, li ż-żgħar tagħha jgħixu proprju qalb l-afidi. Bis-saħħa tan-nemel l-afidi ma jattakkahom ħadd. Kull qalb trid oħra!

Biex tieħu l-honeydew n-nemla tagħrax lill-afida bl-antenni u din il-mossa ġġiegħel lill-afida toħroġ qatra honeydew. In-nemla tiġbor il-honeydew f'ħalqha u tieħdu lura fil-bejta, fejn taħżnu biex jittiekel ftit ftit.

Mhux hekk biss. Biex l-afidi żgur isibu zkuk minn fejn jixorbu, hemm nemel li jġorrhom minn zokk għal ieħor, dejjem ifittex l-iktar zkuk tarjin. Eżatt kif ragħaj jieħu n-nagħaġ tiegħu f'postijiet fejn hemm ħaxix frisk x'jiekol!




Mario V Gauci

Nemla qed tkeċċi nannakola, aktarx għax hemm xi merħla afidi fil-qrib

# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru **408 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha, u dawn huma **Numri 191 sa 200**...

191 
Isem Malti
**Kuċċarda tal-Lvant**
Isem Ingliż
**Oriental Honey-buzzard**
Isem xjentifiku
*Pernis ptilorhynchus*

192 
Isem Malti
**Avultun Abjad**
Isem Ingliż
**Egyptian Vulture**
Isem xjentifiku
*Neophron perċżżnopterus*

193 
Isem Malti
**Ajkla Bajda**
Isem Ingliż
**Short-toed Snake-eagle**
Isem xjentifiku
*Circaetus gallicus*

194 
Isem Malti
**Avultun Prim**
Isem Ingliż
**Griffon Vulture**
Isem xjentifiku
*Gyps fulvus*

195 
Isem Malti
**Ajkla tat-Tikek**
Isem Ingliż
**Lesser Spotted Eagle**
Isem xjentifiku
*Clanga pomarina*

196 
Isem Malti
**Ajkla tal-Lvant**
Isem Ingliż
**Eastern Imperial Eagle**
Isem xjentifiku
*Aquila heliaca*

197 
Isem Malti
**Ajkla Rjali**
Isem Ingliż
**Golden Eagle**
Isem xjentifiku
*Aquila chrysaetos*

198 
Isem Malti
**Ajkla tal-Kalzetti**
Isem Ingliż
**Booted Eagle**
Isem xjentifiku
*Hieraaetus pennatus*

199 
Isem Malti
**Bagħdan Aħmar**
Isem Ingliż
**Western Marsh-harrier**
Isem xjentifiku
*Circus aeruginosus*

200 
Isem Malti
**Bagħdan Ikħal**
Isem Ingliż
**Hen Harrier**
Isem xjentifiku
*Circus cyaneus*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

# X'għandna mid-dinja?






Il-**Kolombja** pajjiż kbir fl-Amerka t'Isfel li fih ħafna foresta tropikali (parti mill-Amazon *rainforest*). Il-gvern Kolombjan qed jagħmel sforzi biex iwaqqaf il-qtugħ illegali tal-foresta. Issa għadu kemm ħabbar li mill-bidu tas-sena 'l hawn il-qerda tal-foresta diġà naqset b'terz. Jekk iżommu sod u jibqgħu sejrin hekk fl-aħħar il-qtugħ bla ražan għandu mnejn jitwaqqaf għal kollox. Fil-foresti tal-Kolombja jgħixu eluf ta' speċi ta' annimali, siġar u fjuri. Fost dawn insibu l-ġagwar, tapiri, xadini, kajmani, żrinġijiet, anakondi, orkidi, sloths, capybaras, eċċ. Go Colombia!






Fi **Franza** bdew iħaddmu power station li taħdem bit-*tide*. It-*tide* tifforma meta l-ġibda tal-qamar tbiegħed u tressaq il-baħar lejn l-art darbtejn kuljum, u dan joħloq kurrent ta' ilma li bih tista' tiġġenera l-elettriku. S'issa din is-sistema ma tantx imxiet għax l-ispejjeż għoljin. Imma 'l barra mix-xtut ta' Normandy qed jinbena impjant li juża l-kurrent tat-*tides* biex jiġġenera biżżejjed dawl għal 15,000 dar – bla l-iċken tniġġis tal-arja! Jekk dit-teknoloġija taqbad, bla dubju l-produzzjoni tagħha żżid u l-ispejjeż jonqsu. Mela Vive la France!



# L-ISKART U FEJN JISPIĊĊA

Għeżież tfal, kif intom? Nispera li tinsabu tajbin! Tiftakru kont kellemtkom fuq il-proġett Rebbiegħa tal-BOV? Illum nixtieq ngħidilkom ftit fuq waħda mill-inizjattivi ta' dan il-proġett li titratta l-iskart ta' madwarna.

Ġieli nkun intir u nibda ninduna kemm jintrema skart bl-addoċċ. Imma permezz ta' dan il-proġett il-BOV b'kollaborazzjoni mal-NGO Żibel sejrin jippruvaw jedukaw aktar in-nies fejn jispiċċa l-iskart. Wara x-xita dan l-iskart ta' fuq l-art jispiċċa fil-baħar u jagħmel ħafna ħsara.

Permezz ta' din l-inizjattiva qed jittieħdu filmati taħt il-baħar ta' dan l-iskart li ħafna drabi huwa inviżibbli għalina li ngħixu fuq l-art biex b'hekk noqogħdu aktar attenti fejn narmu u kif narmu. Dawn il-filmati imbagħad se jiġu adattati għar-realta virtwali u se jixterdu fl-iskejjel madwar Malta u Għawdex, u l-pubbliku inġenerali.

Vera eċċitat biex nara dawn il-filmati! U biex permezz tagħhom nitgħallmu aktar kif nieħdu ħsieb l-ambjent ta' madwarna.

Nitkellmu d-darba li jmiss! Petitu ☺




Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

# Mal-ħajt ta' fabrika...



**Mal-ħajt ta' fabrika f'Ħal Far, għad-dell ta' pizz kenni fil-bini, xi pari ħawwief reġgħu bejtu dis-sena. Il-ħawwiefa *(northern house martin)* hija komuni fil-passa, imma rari tieqaf biex tbejjet.**










Bejta artifiċjali apposta għall-ħawwief

**Min isib il-lest...**

**... u min jippreferi jibni tiegħu!**







Biex tibni l-bejta, il-ħawwiefa ġġorr f'ħalqha mijiet ta' blalen żgħar ta' tajn u twaħħalhom waħda waħda fil-post bil-paċenzja u b'sengħa kbira.

Ritratti ta' **Aron Tanti**

# Sula

## Northern Gannet

*Morus bassanus*



Ritratt ta’ Aron Tanti meħud fi Scotland



BirdLife
MALTA

# Exploring Natura 2000 sites in Malta

Malta is home to several Natura 2000 sites, each supporting a rich variety of flora and fauna, with some including species found nowhere else on Earth—known as endemic species.

To safeguard these valuable areas, the Environment and Resources Authority (ERA) works closely with various entities to ensure proper care, restoration, and management, including the removal of invasive alien species when needed. Every site in Malta and Gozo has its own unique character and is worth exploring. The four featured here are particularly notable for their distinct history and exceptional natural settings.

ERA Environment & Resources Authority

NATURA 2000

## Always be responsible when visiting Natura 2000 Sites

- **Respect the nature around you**
- **Do not litter**
- **Leave flowers and plants undisturbed**
- **Stick to the pathways**
- **Keep noise levels down**
- **Follow local regulations**



## L-Inħawi tal-Buskett u tal-Girgenti

Located south of Rabat, this woodland—originally planted by the Knights of Malta—is the only one of its kind on the island and among Malta's greenest areas. It hosts rich biodiversity, with freshwater streams supporting riparian plants and aquatic invertebrates across a variety of habitats.



## Il-Maqluba

Located in the limits of Qrendi, Maqluba is one of Malta's most unique natural features—a doline resembling a giant sinkhole. Due to its steep and fragile terrain, access to the lower part is restricted, though the upper edge offers excellent views. Its humid, sheltered environment supports rare and endemic plants, including a dense laurel matorral dominated by *Laurus nobilis* (Bay Laurel), Malta's national tree *Tetraclinis articulata* (Sandarac Gum Tree or għargħar), and *Salsola melitensis* (Maltese Salt Tree)



## Is-Salini

Located between Naxxar and St. Paul's Bay, this is one of Malta's last remaining salt marshes, formed where seawater mixes with freshwater from nearby valleys. This brackish habitat supports rare, endangered, and endemic species, including the Mediterranean Killifish (*Aphanius fasciatus*). Today, the site also serves as a public recreational and educational park, promoting environmental and historical awareness.

## Ix-Xagħra tal-Kortin

Overlooking Il-Fekruna and Mistra Bay, this site is recognised for its rich variety of Mediterranean coastal habitats concentrated within a relatively small area

**Scan this QR Code to discover more about Natura 2000 in Malta**



Victor Falzon

# Liema hu?

Minn dawn is-sitt għasafar, **wieħed biss** huwa l-veru għasfur tal-bejt. Liema hu?

Tweġiba f'paġna 13

**Send us your nature drawings so we can publish them here!**

**victor.falzon@birdlifemalta.org**



**Blonġun Sekond**
Mila Voronova 9

## Tixtieq tagħti donazzjoni lil BirdLife Malta?

Il-BirdLife ikollha ħafna spejjeż biex tmexxi l-attivitajiet u biex taħdem għan-natura.

Minn dal-QR code tista' tagħmel donazzjoni onlajn. GRAZZI!

## Għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf?

- Tixtieq tidħol fil-Klabb?
- Tixtieq iġġedded?
- Tixtieq iddaħħal il-familja kollha?

Minn dal-QR code tista' tinqeda kollox onlajn. GRAZZI!



YOUNG BIRDERS CLUB



Hi! I'm **Raphel Scerri**, I'm 12 and I'm a member of the Young Birders Club. I joined three years ago and my first bird-ringing experience was in spring 2023. I was fascinated by this experience so today I'm writing about bird ringing.

# Bird Ringing

Most bird ringing sessions I attended took place on Kemmuna in April, May and October. Spring months are the most exciting because there are more species, including special birds like **cuckoo** and **bee-eater**.

A typical bird-ringing day on Kemmuna starts very early. The boat leaves Ċirkewwa at about 7am and takes about 20 minutes to get there, then a five-minute walk up to the ringing station. Here we meet the professional and friendly bird ringers on duty for the day. This is where the fun begins!

First we join the ringers to check the nets and when we find a bird we put it temporarily in a cloth bag since the darkness helps the bird to calm down. In the morning the rounds can be very busy with lots of birds, but numbers decrease as the day progresses.

Back at the station, the birds are taken out of the bags one by one. A uniquely-numbered ring is attached around the bird's leg. Then the ringer measures the wing using a rule, checks the feathers to determine gender and age, and gently blows aside the feathers on its belly to check for fat and muscle (see robin's box below). The bird's weight is also taken. All these details are written in a logbook, and the bird is then set free. It was also amazing to see how tracking devices are put on the backs of species like the **turtle-dove** to gain extra information.



Taking the bird out of the net

Victor Falzon

My favourite part of bird-ringing is the many different bird species you get to see up close. I'm very curious about different species and I try to learn how to identify them all. I also love to see the birds fly free after being ringed.



Taking wing length

Victor Falzon

The most common species I have come across during these sessions are **robin**, **whitethroat**, **garden warbler**, **chiffchaff** and **spotted flycatcher** while the rarest were **scops-owl**, **hoopoe**, **golden oriole** and **nightjar** – these look like little dragons out of a Harry Potter movie!

I urge other children to join these activities because you will get to know birds you were not aware of, and you also get to discuss birding with very nice, friendly professionals.




Nicholas Galea



Birds that stay in Malta, like Spanish sparrows, have little fat since they don't have to travel far. But migrating birds, such as collared flycatchers, whinchats and whitethroats, have significant fat deposits to serve them for the long voyage to sub-Saharan Africa or northern Europe, depending on the time of year.



Alex Casha



# Intervista ma' pjanta speċjali

**Bonġu, inti x'jismek?**

Bonġu. Jiena l-**bjanka tal-irdum.**

**Għaliex jismek hekk?**

Għax bjanka tfisser abjad bit-Taljan, u kif tara għandi l-weraq ċar. U nħobb nikber imxabbta mal-irdum.

**U bl-Ingliż?**

Bl-Ingliż jgħiduli ***Maltese cliff-orache***.

**Għaliex *Maltese*? Jaqaw inti endemika?**

Prosit, iva! Jiena nikber biss fil-Gżejjer Maltin.

**Inti rari jew komuni?**

Rari, imma f'xi rqajja' żgħar ta' rdum issibni mifruxa sew.

**Kif inhuma l-fjuri tiegħek?**

Il-fjuri tiegħi ma tantx fihom x'tara għax żgħar ħafna.

**Għandek isem xjentifiku?**

Iva mela, bħal kull speċi oħra fid-dinja. Tiegħi huwa ***Cremnophyton lanfrancoi***.

**Il-aħwa kemm hu diffiċli ismek!**

Hu daqsxejn hux, imma hemm raġuni ta. *Cremnophyton* tfisser "pjanta li tħobb l-irdum". Ħeqq, bħali!

**U *lanfrancoi*?**

Dak għax semmewni għal Edwin Lanfranco, għax kien hu li sabni u nduna kemm jien speċjali – ġibtlek ritratt tiegħu u tiegħi flimkien. Edwin ħalliena ftit ġimgħat ilu fil-fatt.

Martin Psaila




**Edwin Lanfranco kien espert kbir tal-pjanti, u ħabib ta' Klabb Ħuttaf. Kull mistoqsija dwar il-pjanti lilu konna nistaqsu. Kultant kien anke jiktbilna xi artiklu: l-aħħar wieħed dwar l-algi deher f'*Il-Ħuttafa* 177. Grazzi għażiż Edwin ta' kemm għallimtna.**

Aron Tanti



# Għaliex jgħidulu..silfjun?

Papra li tgħix fis-selvaġġ, jiġifieri ma trabbietx minnies, insejħulha **borka** (plural **borok**). F'Malta dehru iktar minn 20 speċi ta' borka, ħafna minnhom rari u oħrajn jidhru kull sena, kultant anke f'numru sabiħ.

Qegħdin fil-lista tal-għasafar kollha, f'*Il-Ħuttafa* 169, 170 u 171.



Waħda mill-borok li jidhru regolari hija s-**silfjun Ewropew**, bl-Ingliż ***Eurasian wigeon***. Tgħidu dik il-kelma "silfjun" xi tfisser? Ħmm, misteru!

Jekk tiftakru m'ilux tkellimna fuq il-blonġun u l-misteru solvejnieh meta ċċekkjajna l-lingwa Franċiża. Hawnhekk għandna l-istess sitwazzjoni eżatt, għax silfjun ukoll ġejja minn kelma bil-Franċiż.

Bil-Franċiż is-silfjun Ewropew jgħidulu *siffleur,* li tfisser "xi ħadd li jsaffar".

Issa sew! It-tisfir x'għandu x'jaqsam ma' din il-borka? Il-papri mhux *kwakk kwakk* jagħmlu? Ħeħeħe, uħud minnhom iva, imma oħrajn le. Jekk tisma' l-għajta tas-silfjun Ewropew malajr tinduna li l-Franċiżi ma semmewhx *siffleur* għalxejn! Għax is-silfjun Ewropew fil-fatt isaffar u ma jagħmilx *kwakk kwakk!*

Misteru ieħor solvut!

## Żomm, għax kont se ninsa...

Raymond Vella



Hemm borka oħra li ssaffar bħas-silfjun Ewropew. Bl-Ingliż jisimha ***northern pintail*** u bil-Franċiż ***canard pilet***. U bil-Malti? **Silfjun**!

Biex tisimgħu u titgħallmu sejħiet u għana ta' ħafna speċi ta' għasafar, morru fis-sit **xeno-canto.org** u ssibu eluf ta' recordings.




Aron Tanti



# GHOSTS LURKING IN THE SEA

Chimaeras are eerie sea creatures with skeletons made of cartilage. They're often called ghost sharks, even though they aren't really sharks, just close cousins

## Ghost Shark General Profile
## Know Your Creepy Creatures

- Ancient: Haunted the oceans for 400 million years.
- Spooky: Glide through water like ghosts, with pale skin and mirror eyes.
- Toothy: Flat crushing teeth that never stop growing.
- No stomach: Food goes straight from the throat to the intestine.
- Extra senses: Big, reflective eyes; sensitive to electricity and vibrations.






## Ghost File: Longnose Chimaera
## Codename: *Rhinochimaera sp.*

- Lurks in the deep: haunts the ocean's depths.
- Radar snout: Long and pointy rostrum to detect electrical signals.
- Sea bed stalker: Scans the ocean floor for hidden prey.
- Venomous specter: A spine laced with venom on its back wards off anything that gets too close.

## Ghost File: Plough-nose Chimaera
## Codename: *Callorhinchus milii*

- Shallow haunters: Glide through the coastal waters of New Zealand and Australia.
- Trunk of terror: The snout, similar to a trunk, sniffs out hidden prey buried in the sand.
- Ethereal vision: One of the few chimaera that can see three colours, just like humans!
- Phantom DNA: The genes hold secretes about skeleton evolution from cartilage to bone.





## Ghost File: Narrownose Chimaera
## Codename: *Hariotta raleighana*

- Alien apparition: Smooth skin, slender body, and eerie gliding moves, it looks even more ghostly than its cousins.
- Hunter of the abyss: Lurks as deep as 3,000 meters - farther than most chimaeras and even some submarines.

MALTA NATIONAL AQUARIUM
WWW.AQUARIUM.COM.MT

## FATTI FAWNA


Desirée Falzon

# il-Qarnita

Il-qarnita komuni hija mollusk, l-istess familja tal-bebbux u l-klamari.

Bħall-molluski kollha, il-qarnita m'għandhiex għadam. Ġisimha huwa artab u kapaċi tgħaddi minn xquq u rkejjen dojoq.

Il-qarnita hija intelliġenti ħafna. Kapaċi tosserva, titgħallem, issolvi problemi u anke tuża oġġetti bħala għodda.

Il-qarnita għandha tmien dirgħajn, kull waħda armata b'ħafna sakers biex bihom taħtaf u żżomm il-priża. Kull driegħ għandha speċi ta' moħħ li jikkontrollaha!

L-ikel favorit tal-qarnita huma l-granċijiet. Taqbad ukoll bebbux, arzell u anke ħut żgħir.

Fin-nofs bejn id-dirgħajn hemm ħalq il-qarnita, li jkun qisu munqar. Dan tużah biex tkisser il-qoxra iebsa tal-granċijiet, bebbux u arzell.

Jekk qarnita titlef waħda minn dirgħajha, biż-żmien tikbrilha oħra tajba daqs ta' qabilha!

Il-qarnita komuni kapaċi tikber sa 150ċm

Il-qarnita hija eċċellenti fl-arti tal-kamuflaxx. Kapaċi tbiddel il-kulur f'tebqa t'għajn u tkanġi mal-blat li jkun hemm madwarha.

Il-qarnita qiegħda tiskarsa. Xi għaddasa jaqbdu l-qarnit meta jkun għadu ferħ, u għalhekk ma jitħalliex jikber u jbid.

Il-qarnita tgħix bejn sena u sentejn, u tbid darba biss f'ħajjitha. Tbid eluf ta' bajd f'ħofra jew għall-kenn taħt blata.

Wara li tbid, il-qarnita ma tikolx iktar, imma tibqa' għassa mal-bajd sa ma tmut bil-ġuħ!

Minbarra l-qarnita komuni nsibu speċi oħrajn ta' qarnit madwar xtutna. Fost dawn hemm il-frajjel, li jkun aħmar bit-tikek bojod.



Desirée Falzon

Heritage Malta

# Student Summer Programme 2025

**Pniezel, paletti, važetti u gazzetti ... din għalikom l-istudenti!**

Dan is-sajf, Heritage Malta qed tistieden lilkom - l-iżgħar fostna - għal avventura mlewna f'palazzi grandjużi, mużewijiet mimlijin kapolavuri, u siti li għandhom eluf ta' snin, bħala parti mill-Programm tas-Sajf tal-Istudenti.

Oħloq ċattra li żżommok fil-wiċċ, ibni dinja bil-kartun, inseġ b'għerf dawk li ġew qabilna, lissen ħsibijietek, esprimi ħsusek bit-tpinġija, kewwes ħobża bnina b'ingredjenti ġenwini, u skopri aktar dwarek u dwar artek.

Il-programm hu miftuħ **għal tfal minn ħames snin 'il fuq u aktar** tagħrif dwaru ssibu hawn: **heritagamalta.mt/whats-on**